MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2015

Numru. 288/2015

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Rodolfo Vinicius Barbosa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Rodolfo Vinicius Barbosa** detentur tal-passaport Braziljan bin-numru FL294657;

Akkuzat talli fit-13 ta’ Marzu, 2015 u fil-granet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, f’diversi hinijiet;

1. Xjentement, ghex, ghal kollox jew f’parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ohra barranin u dan bi ksur ta’ l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta sabiex il-kawza kotra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat kif registrat fis-seduta tal-lum sabiex tkun adoperata l-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------